MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' April, 2015

Rikors Numru. 46/2012

**Paul Camilleri (ID 869436M) u Rose Camilleri (ID 160942)**

**vs**

**Mario Debono (385366M) u b'digriet tat-3 ta' Frar 2014 kienet kjamata in kawza Sal Deb Holdings Ltd (C-29450)**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur:

Illi huma jkunu l-fond AEC Garage, 20, Sir Arthur Burton Street, Mosta, lill-intimat b'kera ta' €2515.72 fis-sena, pagabbli bil-quddiem, bl-ahhar skadenza ghalqet fit-23 t'Ottubru, 2010.

Illi l-intimat naqas milli jhallas il-kera minnu dovuta lir-rikorrenti mill-iskadenza li saret dovuta fit-23 ta' Ottubru, 2005 'l hawn u dan minkejja li l-istess intimat gie interpellat ripetutament sabiex ihallas dak minnu dovut.

Illi, konsegwentement, ir-rikorrenti huma intitolati li jitolbu t-terminazzjoni tal-lokazzjoni *de quo*, bla pregudizzju ghall-arretrati ta' kera lilhom dovuti.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu, ghar-ragunijiet premessi:

1. B'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti Jiddikjara li l-intimat naqas mill-obbligi tieghu, stante li huwa moruz fil-hlas tal-kera minnu dovuta lir-rikorrenti b'effett mill-iskadenza li ghalqet fit-23 t'Ottubru, 2005 'l hawn;

2. Prevja okkorrendo dikjarazzjoni li biha jittermina l-lokazzjoni tal-fond *de quo* a favur tal-intimat, jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess

tal-fond AEC Garage, 20, Sir Arthur Burton Street, Mosta, u ghall-finijiet tal-izgumbrament jipprefiggi terminu qasir u perentorju;

B'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti ghall-hlas lilhom dovuta mill-intimat kif premess.

Bl-ispejjez a karigu tal-intimat.

Ra r-risposta tal-intimat Mario Debono:

Semgha l-provi;

1. Illi in linea preliminari, l-eccipjenti m'huwiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet odjerni.

2. Illi sussidjarjament, m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn ir-rikorrenti ghandha tigi awtorizzata li tirrprendi l-fond inkwistjoni.

3. Salv difizi ulterjuri hekk kif permess mill-Ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza, r-rikorrenti sidien ta' fond qieghdin jitolbu lil dan il-Bord jawtorizzahom jirriprendu l-istess fond li jinsab mikri lil terzi. Ir-rikors promutur kien inizjalment intavolat kontra l-intimat Mario Debono li wara li ecepixxa li mhuwiex il-legittimu kontradittur xehed illi l-fond ma kienx mikri lilu izda lis-socjeta' Sal Deb Holdings Ltd li taghha huwa azzjonist u direttur. Kienet din l-eccezzjoni u xhieda li qanqlet lir-rikorrenti jitolbu b'success il-kjamata in kawza tas-socjeta' Sal Deb Holdings Limited kif ukoll sabiex jirtiraw il-kawza fil-konfront ta' Mario Debono. Wara illi kienet hekk kjamata, is-socjeta' Sal Deb Holdings Ltd naqset milli tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

Ir-rikorrenti qieghdin jippernjaw it-talba taghhom fuq il-premessa singolari ta' nuqqas ta' hlas tal-kera mis-socjeta' intimata minkejja li din kienet interpellata diversi drabi sabiex taddivjeni ghal-pagamenti tal-iskadenzi dovuti. Mario Debono xehed illi huwa *sole director* u azzjonista tas-socjeta' kjamata in kawza. Huwa kien fil-passat affjankat minn certu Joseph Saliba bhala direttur u azzjonista izda wara l-mewt tieghu fis-sena 2007 qatt ma thallset kera tal-fond u ma ghandu l-ebda interess fih tant li lanqas biss jaf fejn huma c-cwievet. Fil-fond hemm biss effetti personali tal-istess Joseph Saliba. Ir-rikorrenti xehed illi wara l-mewt ta' Joseph Saliba, Mario Debono kien iwiegbu li kellu flus biex ihallsu tal-kera izda ma setghax jaghmel dan ghaliex qabel kien jehtieg li tithallas it-taxxa ta' successjoni;

Illi l-fatti in ispeci iqieghdu lis-socjeta' kjamata in kawza f'morozita' fil-hlas tal-kera wara diversi interpellanzi min-naha tas-sid ghal liema nuqqas ta' hlas ma ngiebet l-

ebda skuzanti hlief li s-socjeta' Sal Deb Holdings ma ghandha l-ebda interess fil-kirja. Il-Bord ghalhekk m'ghandux ghalfejn jaghmel kunsiderazzjonijiet aktar minn hekk u ser jghaddi biex jilqa' t-talba tar-rikorrenti;

Ghal dawn il-motivi, jiddeciedi illi fil-waqt illi jastjenni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors kwantu dan huwa dirett lejn l-intimat Mario Debono, jilqa' t-talba kwantu din diretta kontra s-socjeta' kjamata in kawza u b'hekk jiddikjara terminata l-kirja bejn ir-rikorrenti u s-socjeta' Sal Deb Holdings Ltd u jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-fond fi zmien tletin (30) jum mil-lum;

Fir-rigward tal-ispejjez tal-kawza, dawk tal-intimat Mario Debono ghandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti filwaqt illi r-rikorrenti u l-kjamata in kawza huma responsabbli ghall-ispejjez f'porzzjon indaqs bejniethom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------